**2 ta' April, 1993**

**Imħallfin: –**

***S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.* – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Stellini *noe*

*versus*

Emmanuel Cassar

**Kreditu – Responsabbiltà – Responsabbiltà Personali – Soċjetà**

*L-attur fittex sabiex jirkupra kreditu. Il-konvenut eċċepixxa illi ma kienx responsabbli personalment iżda li kienet responsabbli soċjetà.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fis-sens illi l-konvenut kien responsabbli personalment. Forsi l-aspett l-aktar interessanti fiż-żewġ sentenzi huwa r-raġonament u l-metodu*

*użat fl-anliżi tal-fatti li bihom il-Qrati waslu għall-konklużjoni tar-responsabbilità personali.*

1. Il-kumpanija attriċi ppreżentat ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ u talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-kumpanija s-somma ta' erba' mija u lira (Lm401) prezz ta' merkanzija;

Il-konvenut eċċepixxa illi l-ammont pretiż mhux dovut minnu iżda *semmai* mill-kumpanija Ħaġar Qim *Limited;*

2. Fl-14 ta' Marzu, 1991, l-imsemmija Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut u laqgħet it-talba attriċi. Il-Qorti eżaminat il-provi prodotti u mbagħad ikkonkludiet hekk:

"Illi l-Qorti ġiet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u għalhekk il-kawża tinvolvi apprezzament ta' provi u kwistjoni ta' kredibilità tax-xhieda. Illi wara li qieset bir-reqqa l-provi kollha prodotti, din il-Qorti tinklina li taċċetta t-teżi ta' l-attur bħala aktar verosimili u kredibbli billi hija aktar konsistenti u hi kkorroborata kemm mix-xhieda ta' ibnu Alexander Stellini u kemm ukoll mid-dokumenti li esebixxa l-attur;

Dawn id-dokumenti mkien ma jsemmu "Ħaġar Qim *Limited"* u ġie ppruvat li l-konvenut kien jirċevihom u qatt ma ssenjala lill-attur li dawn kellhom ikunu intestati f'isem is-soċjetà Ħaġar Qim *Limited";*

Illi huwa rispaut illi fin-nuqqas ta' provi konkreti jew anki fid-dubju, il-mandat ma jistax jiġi preżunt anzi għandu jiġi eskluż (Kollez. Vol. XLII p. 903);

Mill-kumpless tal-provi rriżulta li l-konvenut ta wieħed x'jifhem lill-attur li hu (ċjoè l-konvenut) kien qiegħed jaġixxi f'ismu u mhux f'isem ta' xi soċjetà tiegħu, u għalhekk huwa eżattament il-konvenut personalment li hu responsabbli lejn l-attur għall-ħlas tad-dejn mertu tal-kawża u mhux is-soċjetà li tagħha kien dirિettur, Ħaġar Qim *Limited;*

Salvi dejjem id-dritt ta' rigress lilu spettanti fil-konfront ta' din is-soċjetà'';

3. Il-konvenut appella għaliex, skond l-analiżi li huwa għamel tal-provi, l-ewwel Qorti ma kellhiex tagħmel l-apprezzament li għamlet ta' l-istess provi;

4. Sewwa rrispondiet il-kumpanija għal dan l-aggravju u artikolat tal-konvenut – illi din il-Qorti ta' l-Appell, meta l-materja in kwistjoni tkun purament apprezzament mill-Qorti ta' l-ewwel grad tal-provi prodotti – dak l-apprezzament ma jiġi qatt iddisturbat ħlief f'dawn il-każi limiti, fejn dak l-apprezzament ikun manifestament żbaljat – u dik il-manifestazzjoni ma tħallix spazju għal dubji;

Hawnhekk ma jirrikorri xejn minn dan. M'hawn ebda apprezzament manifestament żbaljat. Anzi hawn apprezzament tal-fatti li ħaqqu li jiġi kondiviż minn din il-Qorti;

5. Però din il-Qorti tħoss li għandha tmur oltre għaliex wara li eżaminat id-diversi punti ta' kritika tal-provi li hemm fil-petizzjoni, laqtitha b'mod partikolari x-xiehda tal-konvenut appellant;

L-uniku punt in kawża huwa li l-konvenut jippretendi li

l-kumpanija attriċi ma kellhiex tazzjona lilu iżda lill-kumpanija Ħaġar Qim *Limited;*

Il-konvenut jgħid li huwa l-*Managing Director of San Anton Caterers Ltd.* li tiġġestixxi l-*Melita Hotel* ta' ħdejn il-ġnien ta' Sant'Anton, Ħal-Balzan;

Il-kumpanija msemmija però hija marbuta li tippreserva l-isem ta' *Melita Hotel,* u ma tistax tibdlu. Għalhekk:

"peress li kulħadd jafha bħala *Melita Hotel* kemm il-korrispondenza kif ukoll in-negozju jsir taħt l-isem ta' *Melita Hotel";*

u hekk kien isir in-negozju mal-kumpanija attriċi – dejjem mill-konvenut;

Għall-ħabta ta' l-1982 *San Anton Caterers Ltd* akkwistat xi azzjonijiet fil-Ħaġar Qim *Limited,* bl-iskop li tiġġestixxi l-Ħaġar Qim *Restaurant.* F'din l-aħħar kumpanija kien *Manager* Joseph Caruana u għalhekk il-konvenut introduċieh lil Joseph Stellini billi dak:

"kien ser jibda jixtri l-affarijiet huwa u staqsejt lis-Sur Joseph Stillini jekk kienx ippreparat li jissupplixxi lil Ħaġar Qim *Limited* bi kreditu wara li fissirtlu li jiena kont direttur ta' Ħaġar Qim *Limited;*

Ir-risposta tas-Sur Stellini kienet **li la kont hemm jiena involut ma jarax għaliex kellu jkun hemm problemi;**

**Jien għidltu wkoll li jekk jinqalgħu xi problemi dwar**

**pagamenti, kellu jinformani minnufih"**;

Il-konvenut kien jara l-korrispondenza kollha li kienet tasal fil-*Melita Hotel* u l-kontijiet kien jgħaddihom lill-*"accountant"*. B'hekk qatt ma nduna li l-kontijiet tal-*Melita* kienu qed jinkludu dawk ta' Ħaġar Qim:

"Ġibduli l-attenzjoni l-awdituri u ndunajt li s-Sur Stellini qed jippretendi l-pagament minn *San Anton Caterers Ltd* meta, kif ġà xhedt, huwa ġie jitlobni l-pagament tax-xogħol ordnat mill-*Melita* u li ppretenda pagament minn għandi għal dak ta' Ħaġar Qim";

Minn dan ikollu, speċjalment mill-konversazzjoni bejn Joseph Stellini u Emmanuel Cassar, ikkwotata u sottolineata hawn fuq, din il-Qorti ma tistax proprju tifhem kif il-konvenut jista' jippretendi li n-negozju bejnu u l-attur kif kien impenjat kollu fuq dak l-element personali li jixhed fuqu huwa stess, seta' ta lok għal xi dubju ma' min qed jinnegozja l-attur; u dan l-element, fil-kummerċ huwa intimament konness ma' l-**isem** tal-kontraent;

Il-kontijiet kollha pprezentati fil-kawża dokumenti JS1, 2, 3, u EC1, 2, 3, 4, 5, 6, 7 u 8 – huma **kollha** indirizzati "*Melita* – Ħaġar Qim" – inkluż dak tat-3 ta' Marzu, 1983 – EC2 u li jirrigwarda l-erba' mija u lira (Lm401), li fuqhom hija din il-kawża;

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-konvenut ma jistax jeħles mir-responsabbilità personali għall-ħlas tad-debitu in kawża. Meta l-kumpanija attriċi ġiet mitluba tixxendi l-kontijiet taż-żewġ stabbilimenti – *Melita Hotel* u Ħaġar Qim *Restaurant* – u

saru l-ispjegazzjonijiet rigward l-ismijiet u s-soċjetajiet – kien tard wisq – għaliex sar **wara** li d-debiti kienu diġà saru. Kellu raġun l-attur, **wara** dawn l-ispjegazzjonijiet jgħid lill-konvenut, kif xehed il-konvenut stess:

"jiena lilek naf, lil Xuereb ma nafux";

6. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell huwa miċħud, u s-sentenza appellata hija kkonfermata – spejjeż taż-żewġ istanzi għall-konvenut.